**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# ►C1 DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-19 ta' Ġunju 2006**

**li tistabbilixxi l-ammont ta' appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013, it-tqassim annwali tiegħu u l-ammont minimu li għandu jiġi kkonċentrat f'reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza**

(2006/493/KE) ◄

(ĠU L 335M, 13.12.2008, p. 370)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/584/KE tal-15 ta' Lulju 2008 | L 188 | 26 | 16.7.2008 |
| ►M2 | Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/434/KE tal-25 ta' Mejju 2009 | L 144 | 25 | 9.6.2009 |

Kkoreġuta minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 64M, 10.3.2009, p. 131 (2006/493/EC)

▼B

▼C1

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**tat-19 ta' Ġunju 2006**

**li tistabbilixxi l-ammont ta' appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013, it-tqassim annwali tiegħu u l-ammont minimu li għandu jiġi kkonċentrat f'reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza**

(2006/493/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 69(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-ammont ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għall-appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali skond ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005, għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013, it-tqassim annwali tiegħu u l-ammont minimu li għandu jiġi kkonċentrat f'reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza għandu jiġi ffissat skond il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda tas-17 ta' Mejju 2006 ([2]).

(2) L-ammont totali għandu jinkludi l-ammont għall-Bulgarija u r-Rumanija bil-ħsieb tad-dħul fis-seħħ, fl-1 ta' Jannar 2007, tat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' Unjoni Ewropea. Jekk it-Trattat ta' Adeżjoni ma jidħolx fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007 għal wieħed minn dawk il-pajjiżi jew għat-tnejn li huma l-ammont totali għandu jiġi għaldaqstant adattat.

IDDEĊIEDA KIF GEJ:

*Artikolu uniku*

L-ammont totali ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għall-appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 skond ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005, it-tqassim annwali tiegħu u l-ammont minimu li għandu jiġi kkonċentrat f'reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza ddefinit fl-Artikolu 2(j) ta' dak ir-Regolament huma ffissati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

---

([1]) ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.
([2]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

▼M2

*ANNESS*

**L-ammont totali ta' approprjazzjonijiet tal-impenji għall-2007–2013 (prezzijiet kostanti tal-2004), tqassim annwali u ammont annwali li għandu jiġi kkonċentrat f'reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza** (*)

| Prezzijiet tal-2004 f'EUR (**) | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-ammont totali għall-UE-25 flimkien mal-Bulgarija u r-Rumanija | 9 325 497 783 | 10 788 767 263 | 11 058 446 242 | 10 651 531 634 | 9 824 886 713 | 9 588 187 168 | 9 356 225 581 | 70 593 542 384 |
| L-ammont minimu għar-reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza | | | | | | | | 27 676 975 284 |

(*) Qabel il-modulazzjoni u t-trasferimenti oħrajn minn infiq marbut mas-suq u l-ħlasijiet diretti tal-politika agrikola komuni għall-iżvilupp rurali.
(**) L-ammonti huma approssimati għall-eqreb euro

**L-ammont totali ta' approprjazzjonijiet tal-impenji għall-2007–2013 (prezzijiet attwali), tqassim annwali u ammont annwali li għandu jiġi kkonċentrat f'reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza** (*)

| Prezzijiet Kurrenti f'EUR (**) | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-ammont totali għall-UE-25 flimkien mal-Bulgarija u r-Rumanija | 9 896 292 851 | 11 678 108 653 | 12 209 418 209 | 11 995 354 634 | 11 285 706 554 | 11 234 089 442 | 11 181 555 662 | 79 480 526 005 |
| L-ammont minimu għar-reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza | | | | | | | | 31 232 644 963 |

(*) Qabel il-modulazzjoni u t-trasferimenti oħrajn minn infiq marbut mas-suq u l-ħlasijiet diretti tal-politika agrikola komuni għall-iżvilupp rurali.
(**) L-ammonti huma approssimati għall-eqreb euro